# 4. Rakkmu tad-deheb prezzjuż...

bħala parti mill-proġett komunitarju

***Għaddi - Mixja esperjenzali madwar il-Kalkara***




## Kont taf?

Ir-**rakkmu tad-deheb** juża tubi żgħar magħmulin mid-deheb li jiġu meħjutin fuq id-drapp biex jifforma stampi sbieħ.

Din is-sengħa hija ferm diffiċli u tirrekjedi ħafna paċenzja.
Hija wkoll tiswa ħafna flus għax tuża d-deheb ta' veru!

## Niffukaw fuq STEAM

Meta Frances taħdem ir-rakkmu tad-deheb għandha bżonn toqgħod attenta ħafna meta **tippjana d-disinn**. Eż. jekk il-punti huma twal wisq, id-deheb mhux se joqgħod ċatt, u jekk il-ħajt jinġibed wisq, id-deheb jista' jinqasam. Trid ukoll tippjana minn qabel ir-rotta li se jieħu d-deheb. L-**Inġiniera** wkoll jgħaddu mill-istess proċess meta jiddisinnjaw - huwa importanti li tifhem il-**limiti tal-materjal** li tkun qed taħdem bih!
Illum il-ġurnata, ir-rakkmu tad-deheb maħdum bl-idejn mhuwiex komuni ħafna, iżda xorta jintuża xi drabi biex iżejnu:

- artefatti reliġjużi
- ilbies ċerimonjali
- iċ-ċoff tal-preċett tas-subien
- il-kuxinn taċ-ċrieket tat-tieġ bl-inizjali tal-koppja
- jew użat bħala stampa ġewwa nkwatru.

## Ejja nkunu kreattivi!

### *Riżorsi*

Kartun jew kartonċin - Għaġin (lixx u qasir) - Spag - Imqass - Labra tat-tapestry (jekk tixtieq)

### *Attività*

1. Uża l-imqass biex taqta' forma mill-kartun - aqta' f'kurvatura bħala sfida għalik!
2. Uża l-imqass biex taqta' xi qatgħat qosra mat-tul tax-xifer tal-kartuna.
3. Agħmel għoqda fl-ispag u sakkarha f'waħda mill-qatgħat.
4. Ibda dawwar l-ispag mal-kartuna billi taqsam min-naħa għall-oħra, u sakkarha mal-qatgħat fix-xifer, biex tagħmel disinn.
5. Meta tgħaddi minn fuq il-wiċċ tal-kartuna, żid biċċiet tal-għaġin mal-ispag, simili ta' kif jużaw it-tubi tad-deheb fir-rakkmu tad-deheb.
6. Uża labra tat-tapestry mal-ispag jekk qed issibha diffiċli li tgħaddi l-ispag minn ġol-għaġin.

# 4. Precious Goldwork Embroidery... with FRANCES



as part of the community project

***Għaddi - An experiential walk through Kalkara***

## Did you know?

**Rakkmu tad-deheb**, or goldwork embroidery, uses tiny hollow tubes of real gold that are stitched to cloth to make beautiful images.

This craft is very difficult and takes a lot of patience.
It's also very expensive because it uses real gold!

## All about STEAM

When Frances does goldwork embroidery she has to be very careful when **planning the design**. Eg. if the stitches are too long, the gold won't lie flat, and if the threads pull too tight, the gold might break. She also needs to plan ahead the route that the gold will take. **Engineers** go through the same process when designing too - it's important to know the **limits of the material** you're using!
Nowadays, goldwork embroidery by hand is not very common, but it is still used at times to decorate:

- religious artefacts
- ceremonial robes
- boys' Holy Communion bow
- wedding ring pillows with the couple's initials
- or used as imagery inside a picture frame.

## Let's get creative!

### *Resources*

Cardboard - Pasta (straight and short) - String - Scissors - Tapestry needle (optional)

### *Activity*

1. Cut a shape out of cardboard - use curves to challenge yourself!
2. Use scissors to cut short slits all along the edges of the shape.
3. Tie a knot in the string and anchor the knot in a slit.
4. Start winding the string crossing over the cardboard, anchoring it along the slits at the edges, to make a pattern.
5. When your string passes over the front side of the shape, add pasta tubes to it similar to how gold tubes are used for rakkmu tad-deheb.
6. Use a tapestry needle with your string if you need help in passing the string through the pasta.

Take your photos and tag us on @Ghaddi

esplora
Creative Communities
ARTS COUNCIL MALTA